**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Hussein Hamada**

Numru: 27/2015

Illum 2 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Hussein Hamada,** ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Aly Abdelkhalek Abdelaa u Ansaf nee' Abd El-Ghany, imwieled Alexandria Egittu, nhar l-20 ta' Ottubru 1988 u residenti fil-fond Sunset Court, Fl 1, Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25216A, akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar 2015 ghall-habta tal-15.40hrs gewwa Triq ix-Xatt, Mgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u kif ukoll fil-vicinanzi;

1. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni JEF077 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq jew prova jsuq u kien fil-kontroll ta' vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni JEF077 meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

3. U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS1424 Mario Xiberras u PC1384 Felix Sammut filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtiha skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC1384 Felix Sammut waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni b'ghajjat u glied;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kien qieghed isuq vettura bil-mutur tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni JEF077 minghajr ma kien liebes ic-cinturin tas-sigruta (seat belt);

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd u cioe' ta' PC138 Joseph Portelli, weġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor;

8. U aktar talli fl-istess data, hekk ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16.30hrs) gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs;

9. U aktar talli fl-istess data, hekk ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16.30hrs) gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC1384 Felix Sammut

waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

10. U aktar talli fl-isess data, hin, lok u cirkustanzi sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar il-14 ta' Mejju 2013 u hekk kif sussegwentament gie emendat;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-imputat u dan skont l-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika wkoll l-Artiklu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li tikkonfiska u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta is-somma imsemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet li bih gie moghti l-helsien mil-arrest;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika l-licenzja tal-imputat ghal dak iz-zmien li l-istess Qorti jidrilha li huwa xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 72) datata 23 ta' Marzu 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat Hussein Hamada biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a. fl-artikoli 94, 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 338(dd) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 252(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) u 15A, 15B, 15D(b), 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. fir-regolament 3, 12 u 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 80), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-23 ta' Marzu 2015, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat**

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat Hussein Hamada jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana ghall-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu (*a fol.* 72), u semghetu jikkonferma tali ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

L-imputat skuza ruhu mhux biss ma' dawk li kienu involuti fil-kaz specjalment il-pulizija izda talab biex is-socjeta' tahfirlu ukoll u taghtih cans iehor biex jirriabilita' ruhu u jirritorna lura fis-socjeta' bhala cittadin denju taghha.

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

> *Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna*

*qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*

Din il-Qorti dwar il-piena tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979) :

*"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited…As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22,23)*

U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation :

*'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character' (p. 236)."*

Illi ghaldaqstant ghalkemm l-imputat huwa recidiv u dana gie ippruvat f'din il-kawza, il-Qorti ser tghaddi sabiex tapplika l-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tama illi l-imputat jirriforma hajtu darba ghal dejjem.

**Decide:**

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jkompli miexi fit-triq it-tajba u jaghraf ma jergax jirrepeti l-izball li huma kkomma.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 94, 95, 96, 252(1)(2), 338(dd), 339(d), 533 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9, tal-artikoli 15(1)(a) u 15(2) u 15A, 15B, 15D(b), 15E tal-Kapitolu 65 u regolament 3, 12 u 13 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Hussein Hamada hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Hussein Hamada taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma soggetti ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul

it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Hussein Hamada.

*In oltre, i*l-Qorti tordna lill-imputat li sal-ahhar ta' Jannar 2016 jidhol programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tordna wkoll komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Finalment il-Qorti tikkundanna lill-imputat multa ta' elf, mija u hamsa u sittin ewro (€1165) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' sena li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

__________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**